# ID-DAWL

AWWISSU 2022 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 56

"Allah jidderieġi lil min jixtieq
Hu fil-mogħdija ġusta."



It-Taħriġ Spiritwali | Il-Ksib ta' Paċi | Il-Ġlied Konvenzjonali | L-Ideoloġiji Estremi

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# IĊ-ĊELEBRAZZJONI VERA

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Fis-sajf u, partikolarment matul il-ġranet tal-vaganzi tat-tfal mill-iskejjel, il-familji jqattgħu ħinhom fil-festi, ħdejn il-baħar, imorru barra u jagħmlu ħafna pjanijiet ta' divertiment u jqattgħu l-ħin flimkien. Imma, il-Komunità Ahmadiyya Musulmana tiffoka ħafna biex il-membri tagħha jużaw dawn il-ġranet fil-għarfien u fit-taħriġ spiritwali wkoll. Huwa fatt li d-divertiment u r-rilassament huma importanti u meħtieġa għal saħħitna u biex nerġgħu niksbu l-enerġija matul dawn il-jiem, bl-istess mod, huwa wkoll ta' importanza kbira li nrawmu l-benessri spiritwali tagħna. Għalhekk, il-Komunità Ahmadiyya Musulmana torganizza ħafna programmi reliġjużi matul is-sajf, fosthom il-*Jalsa Salana*, jiġifieri, il-konvenzjoni annwali tagħna. Il-*Jalsa Salana* hija laqgħa kompletament reliġjuża fejn il-membri jinġabru flimkien biex isaħħu l-ispiritwalità u l-moralità tagħhom u jkattru l-għarfien reliġjuż tagħhom. Barra minn hekk, din hija wkoll it-tradizzjoni tagħna li norganizzaw sessjoni speċifikament għall-mistidnin tagħna mir-reliġjonijiet differenti, bħala sinjal ta' għaqda, armonija u fratellanza universali. Il-konvenzjoni annwali hija mezz kif inżidu r-rabta tagħna m'Alla li Jista' Kollox u timmotivana lejn l-awtoanaliżi u r-riforma spiritwali. **Il-komunitajiet spiritwali veri jfittxu biss li jiksbu l-qrubija u l-pjaċir ta' Alla li Jista' Kollox. Għalhekk, il-mezz veru ta' ferħ u ċelebrazzjoni huwa li jinkisbu sforzi kostanti biex isostnu l-għanijiet spiritwali.**

## ID-DAWL

AWWISSU 2022 – Numru 56 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

| | |
|---|---|
| The true celebration | 02 |
| The spiritual training | 03 |
| Eternal skies of peace (i) | 05 |
| Conventional warfare | 07 |
| The Extreme Ideologies | 08 |

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Naeem Anjum | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# IT-TALB: IT-TAĦRIĠ SPIRITWALI

L-Iżlam huwa reliġjon naturali li dejjem tiffoka fuq it-taħriġ spiritwali u morali tal-bniedem. Iżlam litteralment tfisser paċi, sottomissjoni; u li tkun f'relazzjoni ta' ħbiberija u armonija. Is-sinifikat tal-isem Iżlam hu l-ksib ta' ħajja ta' paċi perfetta u hena billi tkun sottomess kompletament għar-Rieda ta' Alla. It-tagħlim kollu tal-Iżlam jaqbel perfettament man-natura umana.

Biex jintlaħaq l-għan ta' purifikazzjoni spiritwali tar-ruħ u l-ġisem tal-bniedem, l-Iżlam jiffoka fuq it-talb u jordna Ħames Talbiet obbligatorji kuljum. Xi ħaġa sabiħa fl-Iżlam hija li x-Xarija (il-Liġi) sħiħa ġiet deskritta fil-Koran Imqaddes innifsu kif ukoll ġiet murija bil-fatti mill-Qaddis Profeta Muħammad[sa]. Il-Ħames Talbiet ta' kuljum ġew deskritti bħala barka għall-Musulmani fil-Koran Imqaddes:

> **U kieku Aħna ma saħħaħnikomx permezz tal-Koran, intom kontu tinklinaw lejhom bi ftit.** (Il-Koran, 17:75)

Il-frekwenza tat-Talb hija magħmula b'tali mod li tgħajjex kontinwament lir-ruħ bl-istess manjiera li l-ikel jgħajjex kontinwament lill-ġisem. Barra minn hekk, din tgħin biex wieħed jiftakar il-ħin kollu f'Alla u fil-barkiet tal-għajnuna Tiegħu fl-attivitajiet kollha tal-ħajja ta' kuljum tagħna.

Soċjetajiet differenti jħaddnu modi differenti ta' kif jesprimu r-rispett u r-riverenza. Pereżempju, storikament, it-Torok kienu joqogħdu bilwieqfa bi jdejhom fuq xulxin fuq sidirhom u l-Iranjani kienu joqogħdu sempliċement bilwieqfa bi jdejhom imniżżlin 'l isfel; it-timjila tar-ras hija sinjal ta' qima fost il-Ħindu kif ukoll f'xi kulturi oħra; fl-Indja u fl-Afrika li timtedd fl-art wiċċek 'l isfel huwa sinjal ta' rispett kbir, filwaqt li fl-Ewropa n-nies jinżlu għarkopptejhom bħala sinjal ta' sottomissjoni. Il-qima Iżlamika tinkludi dawn kif ukoll pożizzjonijiet oħra fit-Talb tagħha, b'hekk tixhed ameljorament u raffinament tal-għamliet varji ta' adorazzjoni li kienu jinsabu fir-reliġjonijiet ta' qabel. (*Aspetti tat-Talb Iżlamiku*, pġ. 4 u 7)

# IR-RIFORMAZZJONI SPIRITWALI

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana hija fergħa fl-Iżlam li twaqqfet għall-benefiċċju tar-riformazzjoni spiritwali tal-umanità, skont profezija tal-Fundatur tal-Iżlam, il-Qaddis Profeta Muħammad (is-sliem u l-barkiet t'Alla fuqu) rigward l-aħħar ġranet.

Huwa fenomenu naturali li japplika mhux biss għall-organizzazzjonijiet sekulari, iżda wkoll għall-komunitajiet reliġjużi li, mal-mogħdija taż-żmien, is-segwaċi ta' moviment jew twemmin partikolari jibdew jiddevjaw mit-tagħlim oriġinali u jitbiegħdu mit-twemmin fundamentali tagħhom. Bħala riżultat ta' dan, jasal żmien fil-ħajja ta' dawn il-gruppi jew komunitajiet kollha meta jkollhom bżonn ta' qawmien mill-ġdid. Altrimenti, eventwalment imutu jew inkella jinbidlu f'xi ħaġa li ma tkun tixbah xejn il-qagħda minn fejn telqu.

Aħna nemmnu li fejn jirrigwarda l-komunitajiet reliġjużi, biex it-tagħlim fundamentali jibqa' ħaj, hija l-prattika ta' Alla Omnipotenti li jibgħat ir-rappreżentanti magħżula Tiegħu biex jirriformaw u jiggwidaw lill-poplu lura għat-twemmin u l-użanzi oriġinali.

Fejn għandu x'jaqsam l-Iżlam, aħna nemmnu li l-Qaddis Profeta Muħammad (is-sliem u l-barkiet t'Alla fuqu) kien l-aħħar Profeta mibgħut minn Alla Omnipotenti li ġab il-Ktieb (it-tagħlim finali). U mbagħad, lejn l-aħħar tas-seklu dsatax, biex iqajjem u jsaħħaħ l-Iżlam li hu [il-Qaddis Profeta Muħammad[sa]] għallem u pprattika, Alla Omnipotenti bagħat riformatur fil-persuna tal-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana.

Għaldaqstant, aħna nemmnu li l-fundatur tal-komunità tagħna huwa l-Messija Mwiegħed u Maħdi (l-Iggwidat) u l-għan suprem tiegħu huwa li jerġa' jagħti l-ħajja lit-tagħlim ġenwin tal-Iżlam, u li jressaq lill-umanità aktar viċin lejn Alla Omnipotenti.

# IL-KSIB TA' SMEWWIET ETERNI TA' PAĊI

Il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Mexxej Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, għal ħafna snin qed jispjega l-perikli għall-paċi dinjija u juri t-triq għall-paċi. Hawnhekk qed nippreżentaw parti minn wieħed mid-diskorsi tiegħu fejn elabora xi punti importanti ħafna għat-twaqqif ta' paċi dejjiema fid-dinja.

## IX-XEWQA GĦALL-PAĊI

Hija ħaġa naturali li persuna tkun trid tgħix fil-libertà, b'awtonomija u fil-kumdità. Hija naturali li wieħed ikun jixtieq ħajja ta' paċi u kuntentizza, nieqsa minn kull forma ta' kunflitt. Kulħadd jixtieq li jgħix f'post fejn ikun hemm il-paċi u s-sigurtà.

Kull persuna tixtieq li l-villaġġ, ir-raħal jew il-belt tagħha jkunu armonjużi u siguri. Kulħadd jixtieq li pajjiżu jgħix fil-paċi, li jimxi 'l quddiem u jkollu l-affarijiet kollha li jagħmlu l-ħajja aktar komda. Fl-aħħar nett, in-nies kollha jixtiequ ġewwa qalbhom li d-dinja kollha tgħix fil-paċi.



K. Mashkevych - Shutterstock




Madanakollu, minkejja din ix-xewqa istintiva għall-paċi, il-verità hija li l-firda, id-diżordni u l-ġlied inxterdu f'kull rokna tad-dinja. Pereżempju, hemm pajjiżi mifnija bil-gwerer ċivili. Gruppi ta' ribelli qed jiġġieldu kontra xulxin jew jattakkaw l-Istat. F'ċerti pajjiżi, ir-rivalitajiet u l-ostilitajiet qarsa bejn in-nies ta' provinċji jew reġjuni differenti qed jheddu l-paċi tas-soċjetajiet tagħhom. Aktar minn hekk, f'pajjiżi fejn hija diffuża l-immigrazzjoni, it-tensjoni u l-mibegħda bejn in-nies tal-lokal u l-immigranti telgħu fil-wiċċ.

## SOĊJETAJIET POLARIZZATI

Soċjetajiet frammentati qed isiru dejjem aktar polarizzati u qed jersqu b'mod mgħaġġel lejn punt kritiku ħafna bit-tensjonijiet lesti li jixpakkaw minn mument għal ieħor. Fuq livell internazzjonali, għadd ta' nazzjonijiet qed jikkompetu ma' xulxin bi sforz li jiksbu aktar setgħa u kontroll. Biex jakkwistaw vantaġġ ekonomiku jew ġeopolitiku, jew biex jisfurzaw lin-nies b'valuri u fehmiet differenti biex joqogħdu għall-kelma tagħhom, qed iseħħu numru ta' gwerer inġusti. Pereżempju, gwerer ekonomiċi u kummerċjali bdew biex tiġi asserita d-dominanza, u biex jiġi mxekkel l-iżvilupp ta' nazzjonijiet rivali.

# IL-ĠLIED KONVENZJONALI

Barra dan, id-dinja hija impestata bit-tebgħa mdemmija tal-ġlied konvenzjonali, fejn qed jintużaw armamenti perikolużi tal-qerda tal-massa biex jitfarrku n-nazzjonijiet u jinqerdu l-prospetti ġejjiena tal-ġenerazzjonijiet futuri. Fit-tiftixa egoistika tagħna għall-għana u l-poter, qed neqirdu bla skruplu ta' xejn it-tamiet taż-żgħażagħ tal-lum b'sensiela ma tispiċċa qatt ta' inġustizzji perpetwi u krudeltà salvaġġa. Biża' serju iżda fl-istess ħin realistiku huwa li dak li qed naraw illum jista', minn mument għal ieħor, jeskala f'katastrofi globali li l-konsegwenzi koroh tagħha jmorru lil hinn mill-immaġinazzjoni tagħna.

Fil-qosor, huwa diffiċli biex issib imqar rokna fid-dinja li tista' titqies bħala sigura u ħielsa min-nuqqas ta' qbil u kunflitti. Ħafna drabi, ċerti pajjiżi kbar jużaw is-saħħa u l-għana tagħhom biex iġagħlu pajjiżi aktar dgħajfa biex jikkonformaw ruħhom għar-rieda tagħhom. Saħansitra wħud mis-setgħat inqas qawwija, bl-għajnuna ta' alleati b'saħħithom, jużaw mezzi inġusti kontra l-pajjiżi ġirien tagħhom biex jasserixxu d-dominanza reġjonali tagħhom.



Pixelvario - Shutterstock

# L-IDEOLOĠIJI TAL-LEMIN ESTREM

Aktar minn hekk, gruppi terroristiċi jkomplu jużaw il-vjolenza u t-tixrid tad-demm biex jissodisfaw l-interessi personali tagħhom. Barra minn dan, xi organizzazzjonijiet hekk imsejħa 'reliġjużi' b'mod qarrieqi jużaw l-isem tar-reliġjon biex jiġġustifikaw l-estremiżmu, meta l-għan veru tagħhom ikun li jiksbu l-għana u l-poter.

Xi ħaġa oħra li qed dejjem tiżdied hija li l-lemin estrem qed ikun ta' theddida profonda u serja għall-paċi u l-benesseri tal-Ewropa u partijiet oħra tad-dinja. Il-membri tal-lemin estrem, f'isem in-nazzjonaliżmu, jaħdmu għat-tmiem ta' soċjetajiet li llum huma multikulturali u pluralistiċi, u minflok ifittxu li jimponu l-ideoloġiji razzisti u preġudikati tagħhom fuq is-soċjetà. Bl-iskuża li qed jipproteġu dak li huma jikkunsidraw bħala l-identità u s-safa ta' pajjiżhom, dawn il-persuni intolleranti qed jattakkaw bi vjolenza lill-immigranti, li ħafna minnhom għexu fil-paċi għal deċennji sħaħ fil-pajjiż adottiv tagħhom u kkontribwew għas-suċċess tiegħu bħala ċittadini eżemplari.

Aktar minn hekk, filwaqt li jinjoraw il-prinċipji bażiċi tal-etika u l-ġustizzja, xi pajjiżi jew gruppi qed jagħmlu ħilithom biex ifittxu jieħdu l-kontroll tas-swieq finanzjarji u l-interessi kummerċjali fid-dinja biex jistagħnew personalment minn fuq dahar ħaddieħor.

Fil-qosor, kif diġà għedt, il-ġlied huwa mxerred mad-dinja kollha u huwa viżibbli f'kull livell tas-soċjetà. Għaldaqstant, minkejja x-xewqa ġewwieni tagħna li jkun hawn il-paċi kullimkien, qed naraw li qed iseħħ pjuttost l-oppost.

L-indirizz tal-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad[aba],
il-Kap Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana

*Ikompli fil-ħarġa li jmiss*

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**